# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-16 t'Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 1117/2012 SM**

**L-Avukat Etienne A. Calleja**
**(I.D. 470667 (M))**
**bhala mandatarju tal-assenti**
**Michael Har Lev**
**(Pass. Izr. 14044132)**

**vs.**

1. **Daniel Debono (I.D. 296555 (M)**

2. ***Fogg Insurance Agencies Limited* ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera *Argus Insurance Company (Europe) Limited* (C – 597)**

   **Illi b'digriet datat it-30 t'Ottubru, 2014, dan gie sostitwit bl-isem *Argus Insurance Agencies Limited*.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat id-9 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu, r-rikorrenti *nomine*, sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi ghall-habta tat-3.20p.m. tal-10 ta' Settembru, 2010, waqt li l-intimat Daniel Debono kien qed isuq il-vettura tal-marka Peugeot 106 numru EBP-379 fi Triq San Gorg, San Giljan, laqat u tajjar lil Michael Har – Lev u kkagunalu griehi ta' natura gravi u dizabilita` permanenti, (ara foll 9);

1.2. Illi l-imsemmi sinistru sehh tort u htija tan-negligenza, imprudenza, imperizja traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku daparti tal-intimat Debono fuq gia` riferit;

1.3. Illi mal-impatt Har - Lev spicca mal-art u intilef minn sensieh ghal ftit sekondi, (ara foll 12);

1.4. Illi b'rizultat tal-istess incident l-istess Har - Lev baqa' jbati minn diffikultajiet fizici u f'pajjizu beda jmur ghall-fizjoterapija li ghadu jiehu sallum, (ara foll 13 sa 41);

1.5. Illi *nonostante* il-kura u l-medicini li inghata jirrizulta li baqa' migugh u kien kostrett ghalhekk, jikkonsulta tliet (3) specjalisti li wara li ezaminawh, irrilaxxaw rapport mediku relattiv, (ara foll 42 sa 55);

1.6. Illi rizultat tal-istess incident Har - Lev u martu kienu kostretti jinterrompu l-btala taghhom f'Malta u rritornaw lejn pajjizhom;

1.7. Illi Har - Lev kellu jhallas ghall-kura fl-Isptar *Mater Dei*, (ara foll 56 u 57);

1.8. Illi l-intimat Debono hu assigurat mas-socjeta` *Argus Insurance Company (Europe) Limited*, kif rapprezentata minn *Fogg Insurance Agencies Limited*;

1.9. Illi minkejja li debitament interpellati ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti minn Har - Lev, dawn baqghu inadempjenti u rrespingew it-talbiet indirizzati fil-konfront taghhom, (ara foll 58 u 60);

1.10. Illi ghalhekk ir-rikorrenti *nomine* qed jadixxi din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.10.1. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh tort in-negligenza, t-traskuragni, l-imperizja, n-nuqqas ta' hila fis-sewqan, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku daparti tal-intimat Debono;

1.10.2. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*, d-danni sofferti minn Har - Lev komprizi:

1.10.2.i. Il-perjodu ta' konvalexxenza sallum;

1.10.2.ii. L-interruzzjoni tal-btala tieghu f'Malta;

1.10.2.iii. It-tluq bikri minn Malta lejn pajjizu;

1.10.2.iv. It-trattamenti u visiti medici subiti minnu, kemm f'Malta kif ukoll fl-Izrael;

1.10.2.v. Id-dizabilita` permanenti riskontrata;

1.10.3. Tikkundanna lill-intimati responsabbli *in solidum* ghad-danni hekk likwidati u tordna l-hlas relattiv;

1.10.4. Taghti kull provediment iehor opportun;

1.10.5. B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti *nomine*;

1.10.6. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-11 ta' Dicembru, 2012, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghad-data hemm indikata, (ara foll 62), u dan, flimkien mad-direzzjoni procedurali moghtija lill-partijiet, (ara foll 63);

3.0. Rat ir-risposta konciza tal-intimati datata il-15 ta' Jannar, 2013, li permezz taghha rrisponda sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 64);

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* huma infondati;

3.2. Illi l-intimat Debono mhux responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;

3.3. Illi r-rikorrenti *nomine* ghandu jgib l-ahjar prova ghad-danni minnu reklamati;

3.4. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet ulterjuri taghha diversament preseduta datat it-18 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu appuntat lill-espert mediku u lill-assistent gudizzjarju hemm indikati, (ara foll 66, 67 u 68);

5. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat il-25 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata, awtorizzat lill-istess assistent gudizzjarju biex tirritorna l-inkartament lura fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 102);

6. Rat id-digriet ulterjuri taghha datat it-28 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-procedura *de quo* bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 268), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 275 u 302);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti *nomine* datata l-21 ta' Marzu, 2018, (ara foll 278), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datata t-26 t'April, 2018, (ara foll 305);

8. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-12 ta' Gunju, 2018, li permezz tieghu iddikjaraw li kienu qed

jistriehu fuq in-noti ta’ sottomissjonijiet minnhom ipprezentati, (ara foll 318);

9. Semghet ix-xhieda prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluz id-dikjarazzjonijiet guramentati ipprezentati *in atti* u x-xhieda migbura mill-assistent gudizzjarju fuq riferita;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi ghall-habta tat-3.20 p.m. tal-10 ta’ Settembru, 2010, waqt li l-intimat Debono kien qed isuq il-vettura Peugeot numru EBP – 379 fi Triq San Gorg, San Giljan, fid-direzzjoni minn Paceville lejn tas-Sliema, laqat u tajjar lil Michael Har - Lev, (ara foll 10 u 133);

11.2. Illi rizultat tal-istess incident l-imsemmi Har - Lev sofra dizabilita` permanenti, (ara foll 54 u 220);

11.3. Illi wara l-incident *de quo* l-imsemmi Har - Lev ittiehed l-isptar Mater Dei (ara foll 11 u 133 u kellu jhallas ghall-kura li hemm ircieva, (ara foll 56, 57 u 147);

11.4. Illi mill-isptar kien pero` certifikat li sofra griehi hfief, (ara foll 12 u 144), u kien rilaxxat, (ara foll 145);

11.5. Illi appena Har - Lev kien rilaxxat hu temm il-btala tieghu f’Malta u rritorna f’pajjizu, (ara foll 147);

11.6. Illi rizultat tal-istess incident l-imsemmi Har - Lev kellu l-htiega jkompli jikkura ruhhu fl-Izrael, (ara foll 13 sa 41);

11.7. Illi r-rikorrenti *nomine* ghalkemm bl-introduzzjoni tal-procedura odjerna qed isosstni li l-incident in dizamina sehh tort u htija tal-intimat Debono, pero` il-principal tieghu Har - Lev isosstni minflok li ma jafx kif sehh l-istess incident, (ara rispettivament foll 3 u foll 146);

11.8. Illi min-naha tieghu l-intimat Debono jsosstni li r-responsabbilita` ghall-istess incident taqa' fuq l-imsemmi Har - Lev ghaliex, (ara foll 226):

11.8.1. Debono kien qed isuq b'velocita` minima u bil-kelma;

11.8.2. Har - Lev hareg minn bejn zewg (2) vannijiet f'daqqa wahda;

11.8.3. Har - Lev ma kienx qed ihares lejn id-direzzjoni minn fejn kien gej it-traffiku izda lejn fejn kienet gejja l-karozza tal-linja;

11.8.4. Har - Lev ukoll hareg jigri minn bejn il-vannijiet;

11.8.5. Illi meta Har - Lev hareg jigri minn bejn iz-zewg vannijiet, ghalkemm Debono kien qed isuq bil-mod, id-distanza involuta kienet qasira wisq biex jigi evitat l-impatt;

Ikkunsidrat:

12. Illi fir-rigward tas-sahha li ghandha tinghata lill-verzjonijiet ipprovduti mill-partijiet f'sitwazzjonijiet simili ghal dik in dizamina issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***Citadel Insurance p.l.c. nomine et* vs. Alan Chircop *et***, datata s-**26 ta' Lulju, 2013**, li irriteniet is-segwenti:

> "Kif gia` rilevat il-verzjoni '*a tempo vergine*' tinghata mis-sewwieq immedjatament jew ftit tal-hin wara l-incident. Una volta li tali verzjoni nghatat fil-mument meta l-incident ikun ghadu kif sehh, kwindi s-sewwieq ma jkollux cans joqghod jahseb x'verzjoni tal-fatti jaqbillu jaghti. Tali versjoni ukoll tinghata qabel ma sewwieq ta' vettura jkollu l-opportunita` li jikkonsulta ma' haddiehor u qabel ma jista' jigi influwenzat minn haddiehor dwar x'ghandhu jghid. Kwindi, jidher li l-verzjoni li tinghata "*a tempo vergine*" ghandha titqies li hi l-verzjoni l-iktar affidabbli";

13. Illi *di piu`*, fis-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Susan Vella *proprio et nomine et* vs. Ludwig Micallef**, datata l-**10 ta' Jannar, 2011**, gie wkoll ritenut f'dan ir-rigward li:

> "Fil-fehma tal-qorti l-aktar provi affidabbli huma appuntu dawk migbura mill-espert nominat mill-Qorti tal-Magistrati ... liema provi gew esebiti fl-atti tal-kawza, u dan ghaliex id-depozizzjonijiet migbura dakinhar kienu *a tempo vergine* u minghajr ma x-xhieda kellhom min jaghtihom is-soliti imbekkati;

Ikkunsidrat:

14. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi konvinta li l-versjonijiet moghtija *a tempo vergine* huma verosimili u tiddikjara li qed tistrieh fuq l-istess versjonijiet;

Ikkunsidrat:

15. Illi fis-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Mario Camilleri *et* vs. Robert Azzopardi**, datata l-**14 ta' Lulju, 2017**, giet elenkata rassenja tal-gurisprudenza rigwardanti l-obbligi tal-utent tat-triq li in vista tar-rilevanza tal-istess ghall-procedura odjerna qed issir ampja referenza ghall-istess biex jigi skansat kull ekwivoku u ripetizzjoni inutili;

    Fis-sentenza fl-ismijiet **John Ransley *et* vs. Edward Restall *et*** intqal:

> "Dwar il-*pedestrian* jinghad li dan ghandu juza l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-*Highway Code* jghidu hekk:
>
> "20. *Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways*.
>
> 21. *Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear*".

"Il-*pedestrian* suppost li jara vettura gejja ghax din ma taqax mis-sema. Hu wkoll fattur indikattiv tat-tort ta' *pedestrian* meta dan ikun ghadu kif nizel il-bankina, ghax jekk ikun kwazi qasam it-triq allura d-driver ikollu possibbilita` kbira li jilhaq jarah. Li persuna tintlaqat vicin tal-bankina minfejn tibda taqsam, huwa indikattiv ta' distanza ravvicinata hafna ghall-karozza li ttajjarha.

"Fl-istess hin is-sewwieq irid izomm f'mohhu c-cirkostanzi kollha tal-inhawi fejn ikun, il-konfigurazzjoni tat-triq, id-dawl, l-orjentazzjoni tat-triq max-xemx u l-kundizzjonijiet atmosferici. Pedistrian ghandu dejjem ikun attent meta juza t-triq u jaghmel l-almu tieghu biex jigu evitati incidenti, anke jekk ghandu d-dritt favur tieghu. Fis-sentenza deciza minn din il-qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Joseph Micallef vs. Joseph Sammut** gie ritenut illi:

> "irid jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq u fil-fatt irid jipprova li huwa u (hawnhekk il-Qorti kkwotat il-gurista eminent Ingliz Gibb) '*used such care for his own safety as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances*'";

"Sentenza ohra dwar l-obbligi tal-utent tat-triq hija dik fl-ismijiet **Rita Calleja vs. Joseph Agius** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta, fejn inghad:

> "Jekk *pedestrian* ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, id-*driver* li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-*driver* m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza".

"Dwar l-aspett tal-proper lookout fil-kawza fl-ismijiet **Godfrey Ciangura vs. Carmen German** inghad:

> "Jigi rilevat li sewwieq ikun ikkontribwixxa ghall-incident jekk ma jkunx zamm "*proper lookout*".

"M'hemmx dubju li l-obbligu ta' kull sewwieq huwa li jzomm *proper outlook*. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Louis Bianchi *noe vs*. Michelle Cassar**, inghad li:

> "tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incidenti ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jigifieri ...*omissis*...b) hu anke dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunikament tissejjah "*a reasonable lookout*" liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragonevolment vizibbli".
>
> "Gie appropositu ritenut li hu dover ta' *driver* "*to see what is in plain view*" u li "min ma jarax li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm *a proper lookout*"

"Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd**, il-Qrati kienu rritenew illi:

> "*Keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well*".

"Minn rassenja studjata tal-gurisprudenza tal-qrati taghna fis-sentenza fl-ismijiet **Vincenzo Borg vs. Karl Jude Bonett**, jinghad:

"Dan premess, minn ezami ta' bosta sentenzi, in partikolari dawk moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, *per* Imhallef William Harding, hija evidentement distingwibbli x'ghandha tkun l-imgiba tas-sewwieq u tal-*pedestrian*, *qua* utenti tat-triq:

(1) "*Driver* ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq anke jekk il-*pedestrian* jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'posizzjoni li ma setax jevita l-investiment ta' *pedestrian*. Il-kaz li fih id-driver jista' jkun ezentat mir-responsabilita` hu dak biss fejn il-*pedestrian*, b'xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu, ikun qieghed lid-*driver* f'posizzjoni li anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega, dan ma setax assolutament jevita l-investiment" – "**Il-Pulizija vs. Dockyard PC 347 Carmel Mifsud**", Appell Kriminali, 26 ta' Gunju, 1954 (Kollez. Vol. XXXVIII, P. IV, p. 859);

(2) "Il-*pedestrian* ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku, imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-*driver* ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian* f'dik il-konsegwenza" – "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana**", Appell Kriminali, 14

ta' Mejju, 1955 (Kollez. Vol. XXXIX, P. IV, p. 1031);

(3) "Il-*pedestrian* ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam '*with reasonable dispatch*'. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-*pedestrian* meta *si tratta* ta' *uncontrolled crossing*" – "**Il-Pulizija vs. Joseph Formosa**", Appell Kriminali, 4 ta' April, 1959 (Kollez. Vol. XLIII, P. IV, p. 1027);

(4) "Hu veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali; imma biex *driver* ta' karozza li jinvesti *pedestrian* u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-*pedestrian* li gie milqut; u ma tistax tigi invokata mid-*driver* l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa tal-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita` perfetta ta' komportament tal-*pedestrian* imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita` taghhom b'margini sufficjenti ta' sikurezza" – "**Il-Pulizija vs. George Muscat**", Appell Kriminali, 6 ta' Mejju, 1961 (Kollez. Vol. XLV, P. IV, p. 947);

"Hu dezumibbli minn dawn il-gudikati illi kemm il-*pedestrian* kif ukoll il-konducent ta' vettura ghandhom josservaw dejjem ir-regoli tal-prudenza u tal-bon sens fic-cirkolazzjoni stradali. Fattur determinanti iehor li jemergi minn dawn l-istess gudikati huwa dak li biex

*driver* ta' vettura jiskansa ruhu minn addebitu ta' htija jrid juri li hu gie rinfaccjat minn sitwazzjoni inevitabbli li ssorprendietu.

"Dan aktar u aktar meta "fi triqtu jinzerta nies li minhabba l-eta` taghhom jew ghal xi raguni ohra ma jkollhomx la dik ic-celerita` ta' percezzjoni, la dik il-prontezza ta' decizjoni, u lanqas dik l-izveltezza ta' movimenti, li jehtiegu c-cirkostanzi improvvizi" – "**Il-Pulizija vs. Joseph Thorton**", Appell Kriminali, 18 ta' Marzu, 1961 (Kollez. Vol. XLV, P. IV. P. 920); ... *Omissis* ...

"Jinsab statwit fis-sentenza fl-ismijiet "**Salvatore Bongailas vs. Joseph Mercieca**", Appell Civili, 20 ta' Jannar, 1967, ukoll citata mill-appellat, illi "m'hemm ebda presunzjoni li, fil-kaz ta' incident bejn *motor car* u *pedestrian*, il-*pedestrian* ghandu dejjem raguni". Issokta mbaghad jigi osservat illi "b'danakollu hu veru illi, fejn m'hemmx regolat b'xi mod partikolari l-passagg tal-*pedestrians*, *pedestrian* li juza t-triq karrozzabbli anqas ghandu jitqies bhala xi intruz; u filwaqt illi l-*pedestrian* ghandu certament juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghall-utenti ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta' perikolu jew emergenza, min-naha l-ohra d-*drivers* ta' karozzi, li huma magni ta' potenza li joqtlu jew ikorru, ghandhom l-obbligu gravi li jiehdu kura li jsuqu b'mod illi ma jkunux ta' perikolu jew dannu ghall-*pedestrians* li ghandhom ukoll id-dritt li juzaw it-toroq";

"Mod jew iehor din l-istess riflessjoni tinsab ekkeggjata fis-sentenza fl-ismijiet "**Carmel Attard vs. John Baldacchino**, Appell Civili, 20 ta' Lulju, 1994";

Ikkunsidrat:

16.0. Illi fid-dawl tal-gurisprudenza surriferita u tar-rizultanzi fuq elenkati, din il-qorti tasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

16.1. Illi Har - Lev hareg f'salt minn bejn zewg (2) vannijiet, (ara foll 226);

16.2. Illi meta hareg ma harisx fid-direzzjoni minn fejn kien gej it-traffiku u kien mohhu biss li jmur fl-istage tal-karozzi tal-linja fuq in-naha l-ohra tat-triq, (ara foll 148);

16.3. Illi rizultat tal-istess l-intimat Debono kien fl-impossibilita` li jara lil Har - Lev minhabba d-distanza qasira li kien hemm bejniethom u li ghalhekk ma setghax iwaqqaf il-vettura biex jevita l-istess incident, (ara foll 11 u 133);

Ikkunsidrat:

17. Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq elenkata jirrizulta pacifiku li Har - Lev kien obbligat ihares lejn id-direzzjoni minn fejn kienu gejjin il-vetturi;

18. Illi meta Har - Lev qasam b'dan il-mod fuq deskritt hu pogga lill-intimat Debono fl-impossibilita` li jevita l-impatt mieghu;

19. Illi *di piu`*, jigi wkoll sottolineat li minn analizi tal-provi prodotti ma jirrizulta l-ebda nuqqas daparti tal-intimat Debono fejn allura n-negligenza, trasjuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti lilu addebitati mir-rikorrenti *nomine* ma gewx debitament pruvati;

20. Illi ghall-kuntrarju l-istess ma jistax jinghad lil Har - Lev li bl-azzjoni inkonsulta tieghu holoq emergenza subitanea li kienet il-kawza prossima tas-sinistru in kwistjoni;

21. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li kien proprju Har – Lev li bhala utent tat-triq pogga ruhhu f'post fejn mhux suppost li kien u ghamel dan minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji biex jigi evitat l-inkwiet;

22. Illi di piu`, jirrizulta li l-intimat Debono kien qed isuq b'mod regolari u b'velocita` normali fic-cirkostanzi, fi triq b'hafna traffiku u b'karozzi tal-linja li necessarjament naqqsu il-velocita` li biha setghu isuqu s-sewwieqa li nzertaw ghaddejjin mill-istess triq – inkluz l-intimat Debono;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

23.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine*;

23.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimati;

23.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti *nomine*.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**